**ID-DIRETTORAT GĦAL KWALITÀ U STANDARDS FL-EDUKAZZJONI**
**Id-Dipartiment tal-Kurrikulu u t-Tagħlim Elettroniku**
**It-Taqsima tal-Assessjar Edukattiv**

**L-Eżamijiet Annwali għall-Iskejjel Primarji 2013**

| Il-Ħames Sena | IL-MALTI (Il-Fehim mis-Smigħ) | Il-Ħin: 30 minuta |
|---|---|---|

## Il-Karta tal-Għalliema

## Gwida għat-Tmexxija tal-Eżami tal-Fehim mis-Smigħ

**Ir-Riżorsi:**
1. It-test li jinqara.
2. Il-karta tal-mistoqsijiet.
3. Riga u lapes.

**L-Istruzzjonijiet:**
Jitqassmu l-karti bil-mistoqsijiet u t-tfal jintalbu jiktbu isimhom, kunjomhom u l-isem tal-klassi. L-għalliema jgħidu lill-istudenti li:

| | | |
|---|---|---|
| **1** | ▪ Se tinqralhom l-istorja kollha ***Il-Volpi u l-Għeneb***.<br>▪ Għandhom jisimgħu b'attenzjoni waqt dan l-ewwel qari. | **5 minuti** |
| **2** | ▪ Se jaqrawlhom ukoll għal darba l-eżerċizzji kollha. | **5 minuti** |
| **3** | ▪ Se terġa' tinqara għat-tieni darba s-silta kollha waqt li l-istudenti jistgħu jaħdmu l-eżerċizzji.<br>▪ Se jerġgħu jinqrawlhom għat-tieni darba l-eżerċizzji kollha. | **5 minuti** |
| **4** | ▪ Għandhom ikomplu jaħdmu l-eżerċizzji kollha skont kif mitlub.<br>▪ Jimmarkaw tweġiba waħda biss għal kull mistoqsija. | **8 minuti** |
| **5** | ▪ Ser tinqralhom is-silta biss għat-tielet darba.<br>▪ Jistgħu jaħdmu l-mistoqsijiet li ħallew barra waqt dan it-tielet qari. | **4 minuti** |
| **6** | ▪ Jiċċekkjaw it-tweġibiet, ikomplu dawk li m'għamlux u jkunu ċerti li mmarkaw waħda bħala tweġiba. | **3 minuti** |

***L-Ewwel Parti*** **Il-Volpi u l-Għeneb**

Darba waħda, ħafna żmien ilu, f'raħal ċkejken fi Franza, kien hemm volpi li kien iħobb jiġġerra fl-għelieqi. Jum wieħed sab ruħu ħdejn dar li kienet imdawra b'ħajt għoli. Sid id-dar kien ħawwel xi dwieli u tant saqqiehom li tant kibru li baqgħu telgħin jixxabbtu mal-ħajt ta' madwar id-dar kollha. Tant kienu kibru, li dendlu l-għenieqed tal-għeneb saħansitra għal fuq in-naħa ta' barra tal-ħajt. Ġie l-aħħar t'Awwissu u l-għeneb kien sar sewwa u wasal biex jinqata'. Kien hemm għenieqed kbar imdendlin li bdew jarmu fwieħa li taqsamlek qalbek. Il-volpi kien ilu jumejn bil-ġuħ u kif qorob lejn id-dar u xamm ir-riħa, waqaf jitpaxxa b'dak l-għeneb misjur. Tant ħajru li beda jixxennaq għalih u malajr qatagħha li jara kif jagħmel u jitla' jiekol kemm jiflaħ minnu.

***It-Tieni Parti***

Imma l-għeneb kien qiegħed wisq fl-għoli għall-volpi. Imma huwa ma qatax qalbu u mill-ewwel beda jagħti s-salt u jipprova jaqbeż għal fuq il-ħajt. Imma kien kollu għalxejn. Imbagħad il-volpi beda jipprova jixxabbat u jiġġebbed biex jilħaq xi għanqud fil-baxx. Waqaf fuq saqajh ta' wara u beda jaqbeż waħda f'waħda fl-arja. Saħansitra pprova jiggranfa max-xquq li kien hemm fil-ħajt billi jdaħħal difrejh f'kull toqba li beda jilmaħ. Imma kollu ta' xejn għax l-għenieqed kienu fil-għoli wisq għalih!

Wara li kien ilu jitħabat xi sagħtejn, il-volpi qata' qalbu u b'suppervja kbira qabad miexi lura minn fejn kien ġie. Beda jħoss uġigħ kbir fl-istonku tiegħu għax aktar għafsu l-ġuħ b'dak il-qbiż kollu fil-vojt. Iżda minflok ammetta li falla għax ma rnexxilux iduq u jiekol minn dak l-għeneb bnin u misjur, il-volpi ħares biċ-ċiera lejn l-għeneb u qal, "Jien dak l-għeneb lanqas biss inxommu ma rrid. Dak għeneb ħażin u għadu ma sarx. Min jaf kemm hu qares!" u kompla jgerger waħdu fi triqtu jfittex xi ħaġa oħra x'jiekol.

Addattament ta' *Il-Volpi u l-Għanqbud Għeneb* minn 'Il-Ħrejjef ta' Esopu' ta' Saviour Sammut.

# Il-Volpi u l-Għeneb

## A. L-Ewwel Parti. Immarka ✓ fil-kaxxa t-tajba (7 marki)

| | | | |
|---|---|---|---|
| **1.** | Ir-raħal imsemmi fil-ħrafa kien | | Malta. |
| | | | Franza. |
| | | | Spanja |
| | | | Għawdex. |
| | | | |
| **2.** | ***dwieli*** huma siġar | | tad-dulliegħ. |
| | | | tal-għeneb. |
| | | | tal-ħawħ. |
| | | | tal-mandolin. |
| | | | |
| **3** | Il-ħrafa ġrat | | fis-sajf. |
| | | | fir-rebbiegħa. |
| | | | fil-ħarifa. |
| | | | fix-xitwa. |
| | | | |
| **4.** | Il-volpi ntebaħ bl-għenieqed għax | | rahom ileqqu fix-xemx. |
| | | | qallu bihom sid id-dar. |
| | | | ra n-nemus idur magħhom. |
| | | | xammhom ifuħu. |
| | | | |
| **5.** | Xħin ra l-għeneb, il-volpi ddeċieda li | | jmur ibigħu. |
| | | | jieħu ftit għall-familja tiegħu. |
| | | | jara kif jagħmel u jiekol ħafna minnu. |
| | | | joqgħod 'il bogħod minnu. |
| | | | |
| **6.** * | **"fwieħa li taqsamlek qalbek"** tfisser: | | tfuħ ħafna u tiswa ħafna flus. |
| | | | tfuħ ħafna u tqabbdek il-ġuħ. |
| | | | iġġiegħlek tagħtas. |
| | | | iġġiegħlek tibki. |
| | | | |

**B. It-Tieni Parti. Immarka ✓ fil-kaxxa t-tajba** **(8 marki)**

| | | | |
|---|---|---|---|
| 7 | L-għeneb kien fl-għoli wisqu biex jilħqu l-volpi | | ġab sellum. |
| | | | qabeż u tela' fuq ponot subgħajh. |
| | | | iddendel mas-siġra. |
| | | | tela' fuq il-ħajt. |
| | | | |
| 8 | Biex jipprova jilħaq l-għeneb, il-volpi dam jitħabat | | ġurnata. |
| | | | jumejn. |
| | | | xi sagħtejn. |
| | | | xi siegħa. |
| | | | |
| 9. | Il-volpi ma baqax jitħabat għall-għeneb għax | | qata' l-aptit tal-ikel. |
| | | | qata' idu mal-ħajt. |
| | | | qata' qalbu li jilħqu. |
| | | | qatta' ħwejġu. |
| | | | |
| 10. | Meta l-volpi ra li ma jistax jilħaq l-għeneb | | talab lill-bidwi jagħtih ftit. |
| | | | qal li l-għeneb kien ħażin u qares. |
| | | | mar iġib sellum. |
| | | | mar jixtrih mill-ħanut. |
| | | | |
| 11. * | **"jagħti s-salt"** tfisser | | jagħmel ħiltu kollha. |
| | | | jimxi lura. |
| | | | jgħin lill-bidwi. |
| | | | jagħti l-għeneb. |
| | | | |
| 12. * | **"ħares biċ-ċiera"** tfisser | | ħares minn ġo tromba. |
| | | | libes nuċċali ċar. |
| | | | għalaq għajnejh. |
| | | | ħares bl-ikrah. |
| | | | |

**Ċ. It-Tielet Parti.**
**Fuq l-istorja kollha. Immarka ✓ fil-kaxxa skont jekk hux VERU jew FALZ.** **(5 marki)**

| | | VERU | FALZ |
|---|---|---|---|
| **13.** | Din l-istorja seħħet f'Malta. | | |
| **14.** | Il-volpi kien iħobb jiġġerra fil-kampanja. | | |
| **15.** | L-għeneb kien fi ġnien imdawwar b'ħajt għoli. | | |
| **16.** | Il-volpi laħaq l-għeneb u kielu bil-qalb. | | |
| **17.** | Il-volpi mar jgħid ma' kulħadd kemm kien tajjeb l-għeneb. | | |

**Tmiem il-Karta**

# ID-DIRETTORAT GĦAL KWALITÀ U STANDARDS FL- EDUKAZZJONI

## Id-Dipartiment tal-Kurrikulu u t-Tagħlim Elettroniku
## It-Taqsima tal-Assessjar Edukattiv

## L-Eżamijiet Annwali għall-Iskejjel Primarji 2013

| | | |
|---|---|---|
| **Il-Ħames Sena** | **Il-Malti (Il-Fehim mis-Smigħ)** | **Il-Ħin: 30 minuta** |

## Il-Karta tal-Istudenti

**L-isem u l-kunjom:** ______________________________

**Il-klassi:** ______________________________

| | **Is-Smigħ** |
|---|---|
| **Il-marka tat-taqsima** | **20 marka** |
| **Il-marka tal-istudent/a** | |

**Taqlibx din il-paġna qabel ma jgħidulek l-għalliema.**

**In-numri mmarkati bi stilla * fihom 2 marki.**

## Il-Volpi u l-Għeneb

**A. L-Ewwel Parti. Immarka ✓ fil-kaxxa t-tajba** **(7 marki)**

| | | | |
|---|---|---|---|
| **1.** | Ir-raħal imsemmi fil-ħrafa kien | | Malta. |
| | | | Franza. |
| | | | Spanja |
| | | | Għawdex. |
| | | | |
| **2.** | ***dwieli*** huma siġar | | tad-dulliegħ. |
| | | | tal-għeneb. |
| | | | tal-ħawħ. |
| | | | tal-mandolin. |
| | | | |
| **3** | Il-ħrafa ġrat | | fis-sajf. |
| | | | fir-rebbiegħa. |
| | | | fil-ħarifa. |
| | | | fix-xitwa. |
| | | | |
| **4.** | Il-volpi ntebaħ bl-għenieqed għax | | rahom ileqqu fix-xemx. |
| | | | qallu bihom sid id-dar. |
| | | | ra n-nemus idur magħhom. |
| | | | xammhom ifuħu. |
| | | | |
| **5.** | Xħin ra l-għeneb, il-volpi ddeċieda li | | jmur ibigħu. |
| | | | jieħu ftit għall-familja tiegħu. |
| | | | jara kif jagħmel u jiekol ħafna minnu. |
| | | | joqgħod 'il bogħod minnu. |
| | | | |
| **6.** * | **"fwieħa li taqsamlek qalbek"** tfisser: | | tfuħ ħafna u tiswa ħafna flus. |
| | | | tfuħ ħafna u tqabbdek il-ġuħ. |
| | | | iġġiegħlek tagħtas. |
| | | | iġġiegħlek tibki. |
| | | | |

**B. It-Tieni Parti. Immarka ✓ fil-kaxxa t-tajba** **(8 marki)**

| | | | |
|---|---|---|---|
| **7.** | L-għeneb kien fl-għoli wisq u biex jilħqu l-volpi | | ġab sellum. |
| | | | qabeż u tela' fuq ponot subgħajh. |
| | | | iddendel mas-siġra. |
| | | | tela' fuq il-ħajt. |
| | | | |
| **8.** | Biex jipprova jilħaq l-għeneb, il-volpi dam jitħabat | | ġurnata. |
| | | | jumejn. |
| | | | xi sagħtejn. |
| | | | xi siegħa. |
| | | | |
| **9.** | Il-volpi ma baqax jitħabat għall-għeneb għax | | qata' l-aptit tal-ikel. |
| | | | qata' idu mal-ħajt. |
| | | | qata' qalbu li jilħqu. |
| | | | qatta' ħwejġu. |
| | | | |
| **10.** | Meta l-volpi ra li ma jistax jilħaq l-għeneb | | talab lill-bidwi jagħtih ftit. |
| | | | qal li l-għeneb kien ħażin u qares. |
| | | | mar iġib sellum. |
| | | | mar jixtrih mill-ħanut. |
| | | | |
| **11. *** | **"jagħti s-salt"** tfisser | | jagħmel ħiltu kollha. |
| | | | jimxi lura. |
| | | | jgħin lill-bidwi. |
| | | | jagħti l-għeneb. |
| | | | |
| **12. *** | **"ħares biċ-ċiera"** tfisser | | ħares minn ġo tromba. |
| | | | libes nuċċali ċar. |
| | | | għalaq għajnejh. |
| | | | ħares bl-ikrah. |
| | | | |

**Ċ. It-Tielet Parti.  Fuq l-istorja kollha.**

**Immarka ✓ fil-kaxxa skont jekk hux VERU jew FALZ.** **(5 marki)**

| | | **VERU** | **FALZ** |
|---|---|---|---|
| **13.** | Din l-istorja seħħet f'Malta. | | |
| **14.** | Il-volpi kien iħobb jiġġerra fil-kampanja. | | |
| **15.** | L-għeneb kien fi ġnien imdawwar b'ħajt għoli. | | |
| **16.** | Il-volpi laħaq l-għeneb u kielu bil-qalb. | | |
| **17.** | Il-volpi mar jgħid ma' kulħadd kemm kien tajjeb l-għeneb. | | |

**Tmiem il-Karta**

**ID-DIRETTORAT GĦAL KWALITÀ U STANDARDS FL-EDUKAZZJONI**
**Id-Dipartiment tal-Kurrikulu u t-Tagħlim Elettroniku**
**It-Taqsima tal-Assessjar Edukattiv**

**L-Eżamijiet Annwali għall-Iskejjel Primarji 2013**

| **Il-Ħames Sena** | **Il-Malti (Il-Qari u l-Kitba)** | **Il-Ħin: Siegħa u kwart** |
|---|---|---|

**L-isem u l-kunjom:** ____________________________ **Il-klassi:** __________

**Il-Marki**

| | **Il-Qari u l-Kitba** |
|---|---|
| **Il-marki għat-taqsima** | **60 marka** |
| **Il-marki tal-istudent/a** | |

**Għall-istudent/a:**

Aqra sew dan li ġej:

- Ikteb ismek u kunjomok, u l-isem tal-klassi.
- Qabel tikteb it-tweġiba, ifhem sewwa l-mistoqsija.
- Jekk ma tkunx taf tagħti xi tweġiba, ħalliha vojta u kompli l-oħrajn. Imbagħad erġa' ppruvaha fl-aħħar.
- Jekk tieħu żball, ingassah pulit u erġa' ikteb.
- Meta tlesti, irrevedi l-karta kollha mill-bidu biex tirranġa xi żbalji li jista' jkollok u timla dak li ħallejt barra.

**Aqra sew din l-istorja.**

## Massimo u d-Deżert

Meta Massimo għamel il-praċett **ommu** għamlitlu festin u stiednet liz-zijiet, lill-kuġini u lin-nanniet. Kienet ġurnata importanti għalih. Hu jgħid li ma jinsieha qatt. (***par.1***)



Fil-praċett qala' bosta rigali, fosthom ktieb kbir, b'qoxra iebsa safra. **Fuqha** kien hemm raġel Għarbi b'turbant ma' rasu, miexi fid-deżert, b'serbut iġmla warajh. Massimo **tilef rasu** fuq dan il-ktieb. Kien iqatta' ħin twil iħares lejn il-qoxra tiegħu b'dik l-istampa tar-raġel, imgeżwer f'ħafna ħwejjeġ. Massimo kien jgħid lil kulħadd li dak ir-raġel tal-istampa kien hu la jikber! (***par.2***)

Kulħadd kien jitbissem u jiggustah. Kull filgħaxija l-familja tiegħu kienet tinġabar mal-mejda għall-ikel. Kien jibda **jirrakkontalhom** kif kellu fi ħsiebu jaqsam id-deżert. Minflok bil-ġemel, bil-mixi. Ħadd ma kien jieħdu bis-serjetà għax mhux lakemm tgħid taqsam id-deżert. Anke bil-ġemel diffiċli, aħseb u ara bil-mixi! (***par. 3***)

Fid-dinja hawn ħafna deżerti. Aħna l-Maltin imdorrijin nisimgħu fuq id-Deżert tas-Saħara li qiegħed fl-Afrika ta' Fuq. Imma hawn deżerti oħra fl-Amerka, fl-Asja u fl-Arabja Sawdija, fost l-oħrajn. Nafu li d-deżert hu magħmul minn ħafna u ħafna ramel u sħana kbira. Meta kien jitkellem fuq id-deżerti, Massimo kien juri li kien għadu ma fehemx kif tassew ikunu **dawn**. ***(par.4)***

Massimo twieled l-Italja fejn m'hemmx deżerti. Huwa jgħix f'villaġġ żgħir qrib l-Alpi. L-Alpi huma muntanji miksija bis-silġ. Fejn trabba Massimo jagħmel ħafna ksieħ. Anke fis-sajf it-temperatura tkun baxxa. Min jitrabba fil-kesħa, diffiċli jifhem is-sħana kbira li tagħmel fid-deżert. Meta kiber Massimo sar iħobb ħafna l-isport, l-aktar il-ġiri fuq is-silġ tal-Alpi. Kien iħobb ukoll jixxabbat mal-blat għoli u jgħum fl-għadajjar kesħin. (***par.5***)

Dan kollu għenu jiżviluppa l-ġisem tiegħu għal dak li kellu jagħmel. Il-ħolma tiegħu kienet għadha ma spiċċatx. Massimo kien għadu joħlom ix-xewqa li kellu meta kien

għadu tifel tal-praċett. Ried jaqsam id-deżert bil-mixi u biex jagħmel dan ried ikun bniedem b'saħħtu. (***par.6***)

Wara ħafna snin ta' taħriġ, Massimo rnexxielu jagħmel xi ħaġa li ħadd ma kien għadu għamilha fid-dinja. Qasam id-deżert tal-Qatar bil-mixi u għamel dan f'jumejn biss! Mexa 200 kilometru! Meta ra li rnexxielu, tant kien kuntent, li twebbel b'ħolma ikbar. Skopra li hemm deżert fl-Arabja Sawdija li l-ebda bniedem ma kien għadda minnu, lanqas bil-ġemel. Hu ried ikun l-ewwel bniedem li jaqsam din l-art. Tgħid jirnexxilu? (***par.7***)

| **TAQSIMA A** | **IL-QARI** | **(30 MARKA)** |
|---|---|---|

**1. Immarka t-tweġiba t-tajba billi tagħmel ✓ fil-kaxxa.**

a) Massimo qala' ktieb sabiħ *(par.2)*

☐ f'għeluq sninu.

☐ fil-griżma.

☐ fil-praċett. (marka)

b) Temperatura baxxa tfisser li jkun hemm *(par.5)*

☐ ħafna bard.

☐ ħafna sħana.

☐ ħafna deni. (marka)

**2. Ħożż linja taħt it-tweġiba t-tajba.**

a) Il-frażi: **tilef rasu fuq dan il-ktieb** *(par.2)* tfisser

(ma fehemx il-ktieb, m'għoġbux il-ktieb, il-ktieb għoġbu ħafna.)

b) Massimo kien jgħid li la jikber ried *(par.2)*

(isir Għarbi, jaqsam id-deżert, jixtri ġemel.)

ċ) F'art twelidu Massimo kien jgħix *(par.5)*

(qrib id-deżert, qrib il-muntanji, fl-Afrika ta' Fuq.) (3 marki)

**3. Għal min qed jirreferi l-kliem immarkat b'linja taħtu?** (3 marki)

**Eżempju:** Fil-kelma **omm<u>u</u>** *(par.1)* – **<u>u</u>** qed tirreferi għal <u>Massimo</u>.

a) Fil-kelma **fuqha** *(par.2)* – **<u>ha</u>** qed tirreferi għall- ______________________________.

b) Fil-kelma **jirrakkuntal<u>hom</u>** *(par.3)*- **<u>hom</u>** qed tirreferi għall- ___________________.

ċ) Il-kelma **dawn** *(par.4)* qed tirreferi għad- _________________________________.

**4. Erġa' aqra paragrafu 7 u wara imla l-vojt billi ssib il-kelma t-tajba minn din il-kaxxa. Fil-kaxxa hemm kelma żejda. L-ewwel waħda lesta.**

| |
|---|
| **Qatar - jaqsam - l-ewwel - xewqa - mitejn - id-deżert - ~~taħriġ~~** |



Meta kiber Massimo beda jagħmel ħafna **<u>taħriġ</u>**. Dan għenu biex ____________ id-deżert tal- ____________ bil-mixi f'jumejn! Id-distanza li għamel kienet ta' ____________ kilometru. Fil-fatt, Massimo sar ____________ bniedem li għamel din il-ħaġa. Issa kellu ____________ oħra, dik li jaqsam deżert akbar fl-Arabja Sawdija.

(5 marki)

**5. Wieġeb fi kliemek dawn il-mistoqsijiet:**

a) F'liema pajjiż trabba Massimo?

_______________________________________________________________ (marka)

b) Semmi **post wieħed** fejn hemm deżert fid-dinja.

_______________________________________________________________ (marka)

ċ) Semmi **żewġ affarijiet** li kien fiha l-qoxra tal-ktieb li Massimo qala' fil-praċett.

______________________________________________________________________

______________________________________________________________(2 marki)

d) Semmi sport wieħed li kien iħobb jagħmel Massimo meta kiber.

______________________________________________________________(marka)

e) Taħseb li Massimo rnexxielu jaqsam id-deżert tal-Arabja Sawdija? Għaliex?

______________________________________________________________________

______________________________________________________________(2 marki)

**6. Imla l-vojt billi tikteb il-verb fil-passat/perfett skont l-għerq li għandek fil-parentesi. L-ewwel waħda lesta.** (5 marki)

1. Anna ______*fetħet*______ **(f-t-ħ)** il-bieb.
2. Albert __________________ **(ġ-b-r)** il-ballun mill-art u __________________ **(ħ-r-ġ)** jilgħab ma' sieħbu Sandro.
3. Xħin raw il-buffu, it-tfal tgħidx kemm __________________**(ċ-p-ċ-p).**
4. Il-karozza tal-linja __________________ **(t-l-q)** issa.
5. L-aħbarijiet __________________**(x-n-d-r)** r-rebbieħ tal-lotterija.

**7. Din hija lista tax-xiri. Agħti l-plural tal-kliem fil-parentesi. L-ewwel waħda lesta.**

(2 marki)

- 3 (ħobża) ____*ħobżiet*____ kbar.
- 6 (bott) __________________ zalza.
- 5 (flixkun) __________________ luminata.

**8. Ikteb in-numri fi kliem. L-ewwel waħda hija lesta.** (3 marki)



Missier u omm Saviour marru Ta' Qali biex it-tifel joqgħod jiġri bir-rota. Waslu fil-**(11)** **<u>ħdax</u>.** Kien hemm xi **(50)**______________tifel u tifla oħra jduru bir-roti. Saviour dam sal-**(4)**______________ ta' waranofsinhar u tgħidx kemm ħa gost! Ir-rota tiegħu tiswa **(120)** ______________________ ewro.

| **TAQSIMA B** | **IL-KITBA** | **30 MARKA** |
|---|---|---|

**1. Il-kitba ta' rapport**. **(5 marki)**



Fil-bitħa tal-iskola tiegħek ġiet organizzata lejla ta' divertiment għall-ġenituri tat-tfal. Ikteb **rapport** li ser jidher fuq is-sit tal-iskola biex tiddeskrivi x'attivitajiet saru, min ħa sehem, kemm attendew ġenituri għal-lejla u jekk ħadux gost.

**It-titlu tar-rapport:** ____________________________________

**Ir-rapport:**

_____________________________________________________________________________

_____________________________________________________________________________

_____________________________________________________________________________

_____________________________________________________________________________

_____________________________________________________________________________

**2. Il-kitba ta' invit / stedina.** **(5 marki)**



Fis-sajf li ġej tixtieq torganizza barbikju fil-ġnien tad-dar tiegħek. Tixtieq tistieden lil xi ħbieb biex jiġu għandek għall-barbikju. Iktbilhom **invit/stedina** biex tagħtihom id-dettalji ta' meta, fejn, x'ħin ser tiltaqgħu u x'jistgħu jġibu magħhom.

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________

**3. Il-Komponiment** **(20 marka)**

**Uża l-immaġinazzjoni tiegħek u b'Malti sabiħ ikteb komponiment ta' madwar 120 kelma <u>fuq wieħed minn dawn</u>. Ikteb liema titlu se tagħżel.**

**A. L-aktar darba li stħajt!**

*Meta kien? Kemm kellek żmien? Fejn kont? Ma' min kont? X'ġara li ġiegħlek tistħi? Kif spiċċat l-istorja?*

**B. Ħija qatt ma ried li d-dar inġibu kelb.**

*Min xtaq li ġġibu kelb? Għaliex kelb?Kellkom xi annimali oħra fid-dar? Għaliex ħuk qatt ma ried li ġġibu kelb? Forsi kien ġralu xi ħaġa?*

**Ċ. X'nixtieq nagħmel la nikber!**

*X'inhuma l-affarijiet li tixtieq tagħmel issa u ma tistax għax għadek żgħir/a? Kif timmaġina li se tkun int la tikber? X'inhi l-aktar ħaġa li tixtieq tagħmel la tikber? Għaliex tixtieq tagħmilha?*

**D. Ħares sewwa lejn din l-istampa. Ikteb storja sabiħa dwarha.**



*Min huma dawn l-annimali? Fejn jinsabu? X'jisimhom? X'taħseb li ġara? Min huma n-nies li jidhru fl-istampa?*

Spazju biex tagħmel il-pjan tal-komponiment (bla marki)

**Se nikteb fuq komponiment: ____** (Ikteb A, B, Ċ jew D)

**Tmiem il-karta**